**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA

TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 5 – Il-ERBGĦA 19 TA' ĠUNJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 4 li saret nhar **Il-Erbgħa 5 ta' Ġunju 2013** fuq proposta tal-Kunsillier Lorraine Farrugia sekondata mill-Kunsillier Stephanie Cutajar, dawn ġew approvati unanimament.

2. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi xtaqet tagħmel kjarifika dwar illkumitat MAGF. Infurmat li xtaqet li tkun hi ir-rappreżentant tal-Kunsill peress li hi tokipa l-pożizzjoni ta' Viċi Sindku.

2.2 Is-Sindku Dr Ian Castaldi Paris xtaqt jagħmel kjarifika li rwol tiegħu fil-Kunsill huwa dak li jara li kull Kunsillier jkun stmat l-istess. Kull Kunsillier għandu rwol importanti w ser iħalli lill-kullħadd jaħdem u jieħu inizzjattiva. L-iskop tal-Kunsill huwa l-team li tella' l-poplu ta'Ħal Lija jaħdem flimkien għal ġid tar-residenti.

2.3 Il-Minority Leader Dr Marc Sant xtaq jinforma li l-laqgħa li kellha issir mal-MEUSAC ser jigi posposta għal aktar tard din is-sena peress li l-fondi l-ġodda għandhom ma ġewx mnedija.

2.4 Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma li l-Kunċert li ser isir nhar il-5 ta' Awwissu l- għaqda tixtieq li l-Kunsill jkun parteċipi u tingħata s-somma ta' €300.00 bħala għajnuna għal kantanta Mary Spiteri li ter tkun qed tieħu sehem f'dan il-Kunċert.

2.5 Il-Minority Leader Dr Marc Sant saqsa jekk kienx hemm xi skambju ta' informazzjoni dwar progett li kien ghamel il-Kunsill tal-Iklin dwar il-hitan tas-sejjieh fil-lokalita bil-hsieb li l-Kunsill japplika ghal progett simili.

2.6 Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa jekk kienx hemm xi updates dwar ix-xiri tal-punchclock u tal-uniformijiet tal-haddiema.

2.7 Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat li waqt Jum Ħal Lija kien ser ikun hemm karozzi tal-Off Road pero dawn ma jistawx jattendu qed tistenna risposta min għand l-għaqda tal-Hill Climb.

2.8 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li tkelmet mal-Klabbs dwar il-possibilita' li jarmaw stands ta' l-ikel għal-Jum Ħal-Lija. Nfurmat li tkelmet ma' l-artisti li jixtiequ tieħdu sehem. Qedgħa tistenna risposta dwar dawn. L-Artisti ser jużaw it-Torri l-level terran. Infurmat li t-Torri għandu jitnaddaf għal din l-attivita'.

2.9 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li xtaqet tagħmel kjarifika dwar il-grupp ta' miżiċisti. Infurmat li l-prezz huwa dak ta' €600.00 u jinkludi kollok trasport u l-banda.

2.10 Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li l-*Arabian Night* ser tiġi organizzata fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu jew l-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Il-komunita' tal-Marokk, Tuneżija u Eġġittu.

2.11 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li l-courses tat-TCTC kienu suċċess u kellhom jiżdiedu l-kors biex jakkomoda aktar nies.

2.12 Il-Minority Leader Dr Marc Sant xtaq update dwar informazzjoni dwar progett li kien sar mill-Kunsill ta' l-Iklin.

2.13 Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar l-punch clock meta ser jinxtara.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***3.1 Dr Marc Sant***

**3.1.1** Il-Minority Leader talab li għandu jsir sotto-kumitat tal-Kultura biex jibdew il-preparamenti għall-Festa taċ-Ċitru. Sar qbil li Magda, Stephanie u Lorraine ser ikunu parti mill-Kumitat. Ser isir checking dwar il-possibilita' li din s-sena issir Villa Francia.

**3.1.2** Ghamel is-suggeriment li ghal Jum Hal Lija tal-2014 issir play li tuza t-Torri Belvedere peress li dan kien post ta' laqgha storika fl-istorja Kostituzzjonali tal-pajjiz. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Huwa ser ikun qed jiehu hsieb li jitkellem mas-Sur Tanti, resident Lijan, li huwa anki kittieb ta' plays qosra sabiex jara jekk ikunx interessat li jahdmu fuq din l-idea flimkien.

**3.1.3** Saqsa fuq il-progress li sar dwar il-flyers li kellhom johorgu mill-Kunsill. Fost din l-informazzjoni f'dawn il-flyers kellhom jissemmew is-sotto-kumitati tal-isports u zghazagh kif ukoll is-sotto-kumitat dwar il-Fondi tal-Unjoni Ewropea, Gemellaggi, ecc.

***3.2 Ms Magda Magri Naudi***

**3.2.1** Proponiet li ssir zebra crossing fi Triq Massimiliano Debono.

**3.2.2** Proponiet li fi Triq San Lucinju, Triq is-Salvatur u Triq il-Forn għandha ssir Traffic Calmer.

**3.2.3** Proponiet li fi Sqaq No1 għandu jsir xi ħaga minħabba li tinstab fi stat diżastruża.

**3.2.4** Infurmat li hi reġgħet waqfet ix-xogħolijiet tal-Go minħabba li l-pole ma xtaqitux quddiem id-dar tagħha. Infurmat li dan jista jsir jew fil-ħamrija jew inkella aktar il-fuq.

***3.3 Ms Stephanie Cutajar***

**3.3.1** Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat dwar il-Gurnata ta' Sqallija.

**3.3.2** Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat dwar Boat Trip li tixtieq torganiżża nhar l-20 ta' Lulju 2013. Il-Kunsill ser iħallas għat-trasport.

***3.4 Ms Lorraine Farrugia***

***3.4.1*** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li l-Kunsill ser iħallas għat-trasport ta' l-attivitajiet. Għal ġurnata tal-*crafts* il-Kunsill ser jikri s-sala tal-University Residence €50.00. Għal lemonade day il- grupp ser ikun dak ta' 10. Infurmat dwar il-ħarga ta' Blue Grotto.

***3.4.2*** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li hemm bzonn ta' enforcement fi Triq Merino.

***3.4.3*** L-iskip li hemm fejn il-housing għandu jitpoġġa fuq il-bankina fejn tibda naħa l-wisa lejn naħa tal-Housing.

***3.4.4*** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li ġew jiċċekjaw fejn se jsiru bozoz addizjoni u ħafna mill-bozoz u ntqal li mhux se jsiru għax għandna ħafna fanali minn tal-kunsill li dawn l-majka tagħhom qdiemet u għandha tinbidel kemm il-majka kif ukoll l-voltagg tal-bozza biex tkun tista turi dawl biżżejjed.

4. **KORRISPONDENZA**

**4.1** Mr Lunzio Briffa (21436004) għandu garaxx fi Vjal Trasfigurazzjoni (magemb it-Torri – fejn Salvina) li qed jiġi mblukkat mill-karozzi li jħallu l-karozza f'din it-Triq. Għal din ir-raġuni s-Sur Briffa jixtieq li ssir tabella biex minn jkun ħa jipparkja jindunaw li hemm il-garaxxijiet qed jigu bblukkati.

**4.2** Is-Sinjur u s-Sinjura Steward jixtieq jaghmlu request lil Kunsill biex isir 'Communal Reserved Parking Bay fi Triq Tal-Mirakli. Minhabba ragunijiet ta' problema ta' mobilta' sejra li ghanda s-sinjura Steward. Diga icekjajt ma' Transport Malta u huma qalluli l-Kunsill irid jaghmel request.

**4.3** Is- Sinjura Mikelina Baldacchino tixtieq taghmel request ghal Delinator quddiem id-dar taghha numru 44, Triq Merino.

**4.4** Dr. Nazzareno Azzopardi jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm kopplu mkisser mill-istatwa ta' San Guzepp li tinsab fi Triq Annibale Preca.

**4.5** Is-Sur Carmel Axiaq jixtieq jagħmel suġġeriment biex l-iskip li għadha kemm tpoġġiet ħdejn il-Housing Estate titpoġġa fuq il-bankina u mhux taħtha. Jekk ma toqodx fuq il-banikina, jixtieq li tinqata biċċa mill-bankina biex tidhol kexxun 'il ġewwa peress li qedha kerha 'l barra u ttellef lill-karozzi meta jiġu biex joħorġu mit-Triq. Apparti minn hekk, is-Sur Axiaq jixtieq li tinbidel is-sinjal li hemm biex is-sidien tal-vetturi jipparkjaw bl-exhaust pipe 'l barra.

**4.6** Request mingħand is-Sur George Borg biex jitwaħħal doggy bin fi Triq Kardinal Ferretti peress li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb.

5. **AMMINISTRAZZJONI**

**5.1** Infurmat li Jeanette Buhagiar għandha tibda tagħmel event list kull xahar u nzommuha updated fuq facebook.

**5.2** Infurmat li wara laqgħa li saret ma l-IPSL, l-ebda impjetat li qiegħed mal-Kunsill ta' Ħal Lija ma hu ser jiġi trasferit. Jekk l-IPSL jiddeċiedi li għandu jiċaqlaq xi impjegat il-Kunsill ser jigi magħrraf.

**5.3** Infurmat li peress li fl-1 ta' Lulju jagħlqu l-ewwel lott ta' tenders irid jigi iffurmat kumitat. Sar qbil li l-kunsillieri Magda Magri Naudi, Lorraine Farrugia u Stephanie Cutajar ser ikunu parti f'dan il-kumitat. Sar qbil ukoll li l adjudications ser isiru min konsulent indipendenti Sur Chris Pullicino. Dan ser jippreżentat lil kunsill b'rapport u imbgħad il-Kunsill fl-aħħar jiddeċiedi lil min jagħżel.

-

## 6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Ġunju 2013.

**TMIEM**

Fil-20.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013.

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
| Sindku | Agent Segretarju |